



EESC Info

European Economic and Social Committee

A bridge between Europe and organised civil society

October 2022 | MT



[The Grassroots View – S3 Episodju 21 – Il-Premijiet tal-UE g'all-Produzzjoni Organika u l-istat tal-ikel organiku fl-Ewropa](#)

F'dan l-episodju nitkellmu dwar il-biedja organika, il-produzzjoni organika, u l-konsum tal-ikel organiku, mil-lenti tal-ewwel edizzjoni tal-Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika. Dawn il-premijiet ingħataw

f'Settembru 2022 lil tmien organizzazzjonijiet Ewropej għall-eċċellenza tagħhom fis-setturi kollha tal-katina tal-ikel organiku: mill-Aħjar Azjenda Agrikola u Reġjun Organiċi, għall-aħjar SME Organika u l-aħjar Restaurant li jservi ikel organiku. X'inhuma l-prospetti biex tintlaħaq il-mira tal-UE li 25 % tal-art agrikola tintuża għall-kultivazzjoni organika sal-2030? L-ikel organiku jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel u għall-affordabbiltà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi tal-enerġija u tal-prezzijiet? Jekk iva, kif? Dawn huma wħud mill-mistoqsijiet li nindirizzaw mal-ospiti tagħna **Peter Schmidt** (KESE), **Alexander Wugk** (Lilla Bjers), **Michel Pâque** (Ferme à l'Arbre), **Jörg Daunke** (J. Kinski), **Eddy Wax** (POLITICO Europe). (tk)

Available Languages:

ES	BG	CS	DA	EN	DE	ET	FR	EL	GA	HR	IT	LV	LT	HU	MT
NL	PL	PT	FI	RO	SK	SL	SV								

EDITORJAL



Editorjal

Għeżież qarrejja,

Nixtieq nuża din il-pjattaforma biex niġbdilkom l-attenzjoni għal żewġ inizjattivi tal-KESE li se jsiru dalwaqt u li se jindirizzaw l-akbar kwistjonijiet li qed tiffaċċja d-dinja llum: l-emerġenza klimatika u l-gwerra fl-Ukrajna.

Il-laqgħa annwali tal-**Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (COP27)** se ssir f'Sharm El-Sheikh, l-Eġittu, mis-6 sat-18 ta' Novembru. Ir-riskji ma setgħux ikunu ogħla, hekk kif avvenimenti estremi tat-temp, li ilhom jitbassru mill-mudelli tat-tibdil fil-klima u li qed joħolqu qerda enormi u tbatija tremenda madwar id-dinja kollha, żiedu l-urġenza. Din il-ġimgħa, hekk kif il-mexxejja dinjija qed jippreparaw biex jiltaqgħu u għal darb'oħra jippruvaw jilħqu

ftehim li jista' jgħib lid-dinja lura mix-xifer tal-katastrofi tal-klima, il-KESE se jkun qed jivvota fuq riżoluzzjoni indirizzata lilhom. Ir-Riżoluzzjoni tappella għal deċiżjonijiet kuraġġużi dwar il-kwistjonijiet ewlenin li qed jiġu diskussi: il-finanzjament, l-adattament, it-telf u l-ħsara relatati mal-klima u aktar azzjoni ambizzjuża. Din tirrikonoxxi li s-setturi kollha għandhom rwol x'jaqdu. Fil-KESE, żviluppajna pożizzjonijiet b'saħħithom dwar dawn l-elementi kollha f'dawn l-aħħar snin. Lehen l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili huwa qawwi u ċar. Huwa essenzjali li nirrikonoxxu l-emerġenza klimatika bħala kwistjoni ta' urġenza. L-impatti tat-tibdil fil-klima jaffettwaw lis-soċjetà, liċ-ċittadini, lill-ekonomija, lill-istabbiltà soċjali – din mhijiex biss kwistjoni ambjentali, iżda hija theddida eżistenzjali. Inhegġegħ lilkom u lill-organizzazzjonijiet tagħhom biex tgħinu twasslu l-messaġġ tar-Riżoluzzjoni tagħna sabiex leħen is-soċjetà ċivili Ewropea jasal sa Sharm el-Sheikh.

Wara, fl-24 u l-25 ta' Novembru, il-KESE se jospita dibattitu tripplu f'Zagreb, il-Kroazja dwar **il-gwerra fl-Ukrajna u l-impatt tagħha fuq l-UE**, fejn se jiġu diskussi tliet mistoqsijiet kruċjali: Kif il-gwerra u l-istatus il-ġdid ta' kandidat tal-Ukrajna se jaffettwaw it-tkabbir tal-UE u l-prospetti għall-kandidati dejiema? X'se jkunu r-riperkussjonijiet tagħha fuq l-għażliet tal-enerġija tal-Ewropa u t-

triq lejn in-newtralità karbonika fost il-prezzijiet tal-enerġija li qed jogħlew, li qed iħarbtu l-ekonomija u jittestjaw is-saħħa tar-rieda ekoloġika tal-pajjiżi tagħna? Il-komunikazzjoni qed taqdi rwol ewlieni f'din il-gwerra: min qd jirbaħ u x'hemm ġdid f'dan ir-rigward, u l-Ewropa kif qed tlaħħaq ma' mewġa oħra ta' diżinformazzjoni?

Din is-sena esperti distinti u opinjonisti ser jaqsmu wkoll il-fehmiet tagħhom u jiddibattu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li qed jitħabtu bir-riperkussjonijiet tal-gwerra, kemm jekk bħala impjegaturi b'kontijiet enormi tal-enerġija li qed jheddu n-negozji tagħhom, ħaddiema li qed isibuha diffiċli jsaħħnu djarhom u jlaħħqu mal-ħajja jew attivisti li qed jilqgħu l-influss kbir ta' refuġjati. L-organizzazzjoni tagħkom x'aktarx li qed tħabbat wiċċha ma' dawn il-problemi wkoll, għalhekk jista' jkun li tixtiequ tingħaqdu mal-avveniment online. Bil-qalb kollha tistgħu tieħdu sehem fil-konverżazzjoni u tgħinu żżommu ħajja l-kultura ta' dialogu kostruttiv u l-informazzjoni vverifikata f'dawn iż-żminijiet koroh, fejn it-tnejn li huma qed jiġu mhedda.

Għalhekk, kompli segwuna!

Cillian Lohan

Viċi President tal-KESE għall-Komunikazzjoni

DATI TAD-DJARJU

26-27 ta' Ottubru 2022, Brussell

Sessjoni plenarja tal-KESE

6-18 ta' Novembru 2022, Sharm El-Sheikh

II-KESE fil-COP 27

24-25 ta' Novembru 2022, Zagreb

Seminar dwar "Nikkollegaw l-UE"



DRITT G?ALL-PUNT

F'din il-kolonna, nistiednu lill-membri tal-Kumitat biex jiġbdu l-attenzjoni għal suġġetti li huma ta' interess partikolari għalihom, li huma fil-qalba tal-attivitajiet tagħhom. Għat-tielet darba mill-

2017 'il hawn, il-Parlament Ewropew qed jorganizza Ġimgħa Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri mill-24 sat-30 ta' Ottubru. Dan is-suġġett huwa prijorità għall-UE kollha kemm hi, u speċjalment għall-Kumitat, li huwa favur id-drittijiet ugwali.

Maria Nikolopoulou, President tal-Grupp dwar l-Ugwaljanza tal-KESE, tindika l-elementi li jorbtu liż-żewġ istituzzjonijiet, kif il-Kumitat jixtieq jinvolvi ruħu f'dan il-proġett, liema kwistjonijiet jeħtieġu l-aktar attenzjoni, u liema azzjonijiet konkreti ser jiġu implimentati fil-KESE matul il-Ġimgħa għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri.



MARIA NIKOLOPOULOU: IL-?IMG?A EWROPEA G?ALL-UGWALJANZA BEJN IL-? ENERI FIL-KESE

Għat-tieni sena konsekuttiva, il-KESE qed jikkollabora mal-Parlament Ewropew u jirreplika l-inizjattiva tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. L-idea hi li l-perspettiva tal-ġeneru tiġi inkluża fid-dibattiti bħal parti mill-ħidma regolari tagħna.

Il-KESE ddeċieda li jorganizza għadd ta' avvenimenti matul il-laqgħat ta' Ottubru u Novembru tas-sezzjonijiet u tal-Kummissjoni Konsultattiva dwar il-Bidliet Industrijali (CCMI) tiegħu. Barra minn hekk, fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Ottubru, li se ssir matul il-Ġimgħa għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri, il-KESE se jorganizza dibattitu mal-MEP u Viċi President tal-Parlament Ewropew **Evelyn Regner**, li hija responsabbli għal dan il-proġett fil-Parlament.

Il-KESE laqa' din l-inizjattiva u nittama li nkunu nistgħu nżommuha operattiva sakemm jibqa' bżonnha sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-fatt li, għalkemm qed nagħmlu avvanz lejn ugwaljanza effettiva bejn l-irġiel u n-nisa, il-progress la huwa rapidu biżżejjed u lanqas ikkonsolidat. Is-soċjetà tagħna hija biċ-ċar kontra l-inugwaljanza, id-diskriminazzjoni u l-vjolenza kontra n-nisa. B'mod konxju u pubbliku, id-drittijiet tan-nisa qed jiġu difiżi u rispettati mill-maġġoranza. B'xorti ħażina, ċerti attitudnijiet u diskorsi tant huma mxettla fil-fond li xi persuni, mingħajr ma jindunaw, jaqgħu fin-nasba u jxerrduhom filwaqt li oħrajn jagħmlu dan apposta biex jimblokkaw it-tibdil soċjali.

Il-kompetenzi tas-sezzjonijiet tal-KESE jagħtuna opportunità biex nenfasizzaw il-pożizzjoni tan-nisa f'varjetà ta' kuntesti minn dawk bi predominanza maskili sa dawk fejn in-nisa huma l-aktar rappreżentati. L-ugwaljanza bejn il-ġeneri mhijiex "ħaġa tan-nisa". Hija prekondizzjoni għall-bini ta' soċjetajiet ġusti, reżiljenti u prosperi. Min dan toħroġ l-importanza li n-nisa u l-irġiel jimxu f'din it-triq flimkien, id f'id, u juru rispett u appoġġ reċiproku.

Maria Nikolopoulou, membru tal-KESE u President tal-Grupp dwar

I-Ugwaljanza



IMMA?INA L-UKRAJNA...

Fil-kolonna “Immaġina l-Ukrajna”, nippubblikaw ritratti li juru l-gwerra fl-Ukrajna u l-konsegwenzi tagħha. Spiss ikunu ġurnalisti li jipprovdu evidenza bħal din peress li jmorru fejn ma nistgħux immorru aħna, biex jirrekordjaw l-avvenimenti u ma jħalluhomx jintilfu.

Dan ir-ritratt ittiegħed, intgħażel u sar kumment fuqu minn **Jowita Kiwnik Pargana**, ġurnalista u korrisponenta Pollakka għall-UE u awtriċi ta’ diversi rapporti mill-Ukrajna.

Wagt li qed nagħżel dan ir-ritratt, ir-Russi qedin iwaddbu r-rokits fuq Kyiv, Lviv, Dnipro, Kharkiv u Zaporizhzhia. Hekk kif Putin jagħmel vendetta għall-Pont tal-Krimea, dan ir-ritratt sar sfortunatament kurrenti. Dak il-lejl is-sireni bdew idoqqu fis-2 a.m. Oleksiy Kolomyets, biatleta u eks Olimpjad fi żmien l-eks Unjoni Sovjetika li ġera bit-torċa Olimpika fl-Olimpjadi tal-1980 f’Moska, qajjem lil familtu. lill-familja tiegħu. Huma ġrew fix-xelter li Oleksiy kien irranġa fil-kantina tad-dar tiegħu. Hawnhekk niżżel twapet, kutri, duvets, sleeping bags u provvista ta’ ikel, u ħeba

armi taħt saqqu. Il-mara ta’ Oleksiy, Lyudmila, u n-neputi tagħha raqdu mgeddsin fuq is-sufan. Oleksiy baqa’ mal-art għassa. Wara siegħa l-alarm intefa’. Filgħodu, is-sireni reġgħu daqqew u, bħalma sar jiġri ta’ spiss f’dawn l-aħħar ġranet, ħadu l-kollazjon fil-kantina. Wara l-24 ta’ Frar, ix-xelters tal-bombi saru realtà ta’ kuljum għall-Ukreni. Ħafna stazzjonijiet tal-metro, u l-kantini tal-isptarijiet, tat-teatri u tal-iskejjel inbidlu f’xelters. Xi Ukreni, bħal Oleksiy, ħolqu xelters fil-kantini ta’ djarhom.

Jowita Kiwnik Pargana, ġurnalista Pollakka, korrisponenta għad-Deutsche Welle fi Brussell, awtriċi ta’ diversi rapporti mill-Ukrajna okkupata.

“MISTOQSIJA WA?DA LIL...”



“Mistoqsija lil...”

Fis-sezzjoni “Mistoqsija lil ...”, il-membri tal-KESE huma mistiedna jispjegaw għaliex Opinjoni proposta hija importanti għal-leġiżlazzjoni Ewropea mill-perspettiva tas-soċjetà ċivili organizzata. Din id-darba tkellimna dwar din il-kwistjoni ma’ Tomasz Wróblewski, l-awtur tal-Opinjoni dwar Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPPs).

KESE: *Inti r-relatur għall-Opinjoni SOC/734 “Inizjattiva kontra l-litigazzjoni abbużiva mmirata lejn il-ġurnalisti u d-difensuri tad-drittijiet”. L-abbrevjazzjoni mhux tas-soltu SLAPP (Strategic Lawsuits Against Public Participation [Kawżi Strateġiċi Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika]) tirreferi għal kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika f’dibattitu demokratiku. Il-kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika huma ta’ detriment għal-libertà tal-espressjoni, b’mod partikolari għall-ġurnalisti investigattivi, peress li jwasslu għal intimidazzjoni u l-vessazzjoni ġudizzjarja. Biex dan jiġi miġġieled, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi Direttiva tal-UE dwar kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika. X’inhì l-valutazzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE); ta’ din il-proposta u x’jiżgura l-effettività tagħha?*



Tomasz Wroblewski: X’inhì kawża strateġika kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP) u kif nistgħu nilqgħu kontriha?

Il-libertà tal-espressjoni u l-libertà tad-dibattitu pubbliku huma fil-qalba tad-demokrazzi moderni. Il-kapaċità li persuna tipprovdi informazzjoni, tesprimi opinjonijiet u tippreżenta l-fehmiet tagħha hija kruċjali għall-iżvilupp ta’ soċjetà ċivili infurmata. Dawn il-valuri ewlenin jiggwidaw l-azzjoni għall-prevenzjoni ta’ kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika (SLAPP).

L-użu ta’ istituzzjonijiet legali u ġudizzjarji biex jingħata fastidju u jiġu intimidati l-ġurnalisti, l-attivisti soċjali, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-informaturi u ċ-ċittadini ordinarji li huma involuti fl-affarijiet pubbliċi ilu jiżdied f’dawn l-aħħar snin. Għalhekk, il-KESE jilqa’ l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tipprovdi għodod adegwati biex nilqgħu kontra l-

istrumentalizzazzjoni tal-ġustizzja, li tillimita l-fluss ta’ informazzjoni u l-opportunità li jiġu ppreżentati opinjonijiet u fehmiet.

Għalkemm il-mekkaniżmi li tipproponi l-Kummissjoni huma tassew adegwati, sabiex din il-problema tiġi indirizzata b’mod komprensiv ta’ min jikkunsidra l-possibbiltà li l-lista tiġi estiża. Peress li d-Direttiva proposta hija ta’ natura transfruntiera, jeħtieġ li l-pajjiżi individwali jaġixxu biex jirrevedu miżuri legali eżistenti u jimplimentaw soluzzjonijiet nazzjonali li jipprovdu protezzjoni adegwata kontra kważi SLAPP anke fil-livell nazzjonali.

Fl-istess ħin, m'għandniex ninsew il-kwistjoni ferm importanti ta' edukazzjoni tajba. Is-sensibilizzazzjoni dwar it-theddud li joħolqu l-kawżi SLAPP u l-possibbiltajiet ta' difiża li joffru d-Direttiva u l-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha titqajjem mhux biss fost il-professjonisti legali iżda wkoll fost il-parteċipanti fid-dibattitu pubbliku.

Tomasz Wróblewski huwa membru tal-KESE.

AQTA' MIN HI L-PERSUNA MISTIEDNA?



Il-Mistieden Sorpriża

Fil-kolonna **Il-Mistieden Sorpriża** se ssib opinjonijiet u kummentarju minn persuni li l-attitudnijiet, l-azzjonijiet u l-involvement tagħhom ta' min jinnotahom u jikkondividihom mal-pubbliku. F'din l-edizzjoni, qed nippubblikaw artiklu minn **Jowita Kiwnik-Pargana**, ġurnalista Pollakka u korrispondent tal-Unjoni Ewropea.

Il-ġurnalista Pollakka **Jowita Kiwnik-Pargana** ħadmet mal-gazzetta Gazeta Wyborcza u mal-Aġenzija tal-Istampa Pollakka, u temmet l-istudji tagħha fl-Iskola Pollakka tar-Rappurtaġġ. Hija ilha korrispondent akkreditat għall-Unjoni Ewropea għal diversi snin u taħdem fl-uffiċċju Pollakk ta' Deutsche Welle fi Brussell. Hija kitbet bosta artikli fl-oqsma tal-kwistjonijiet soċjali, il-kultura u l-affarijiet internazzjonali. Minn Frar 2022 bdiet tivvjaġġa regolarment lejn l-Ukrajna biex tiddokumenta l-avvenimenti relatati mal-gwerra hemmhekk u tirrapporta dwar il-ħajja tal-

Ukreni.



Jowita Kiwnik-Pargana: I-eroj Ukreni tieġ?i

Kollox beda fuq il-fruntiera. Ftit wara li bdiet il-gwerra fl-Ukrajna, mort fuq il-fruntiera, mhux biex naħdem bħala ġurnalista, iżda biex inġib l-għajnuna umanitarja. Dak iż-żmien kien hemm fluss ta' nies, prinċipalment nisa u tfal, li kienu qed jaqsmu l-fruntiera u l-pjani kollha li kienu għamlu xxejnu mil-lum għall-għada.

Iltqajt ma' nisa li rnexxielhom jippakkjaw ħwejjiġhom f'backpack wieħed u mxew għexieren ta' kilometri lejn il-fruntiera, waqt li jimbuttaw lit-tfal fil-pushchairs. Huma ħallew lil żwieġhom u lis-subien tagħhom f'pajjiżhom u ma kinux jafu fejn kienu se jorqdu billejl jew min seta' joffrilhom saqaf fuq rashom.

Erġajt mort l-Ukrajna ftit wara, din id-darba bħala ġurnalista, biex nuri kif il-gwerra kienet qed tbiddel ħajjet in-nies.

Smajt l-istorja ta' Inna minn Mariupol, li nħbiet f'kantina għal tliet ġimgħat sħaħ u rat il-katavri tal-ġirien tagħha mitluqin fit-triq mingħajr ma setgħu jindifnu minħabba l-balaal kontinwi li kienu għadhom neżlin kullimkien.

Petro, anke hu minn Mariupol, qalli kif fittex għall-ilma tax-xorb fil-pajpijiet tar-radnjaturi tal-ħadid fondut.

U Halina ta' 82 sena, li tħalliet waħidha fil-gwerra, qalet "Rajt mara anzjana. Mort qrib tagħha, kienet qed tibki. Għidtilna 'tibkix, se niġi miegħek kull fejn se tmur. Mhux se nitilqed waħdek'".

Niftakar lit-tfal Ukreni li tkellmu dwar dak li l-gwerra fissret għalihom. Alisa ta' ħames snin, li kienet taf li fil-gwerra in-nies kienu qed jinqatlu. U Zhenia ta' 12-il sena, li qaltli b'konvinzjoni li Putin ma kienx president iżda dittatur.

Tgħallimt l-istorja ta' tifla li l-omm adottiva tagħha telqitha eżatt wara li twieldet u li l-ġenituri bijoloġiċi tagħha qatt ma avviċinawha.

Il-lista ta' eroj mir-rapport tiegħi hija twila, wara kull isem hemm storja oħra mmarkata bil-gwerra. Mhux faċli tisma' dawn l-istejjer, iżda fi żminijiet bħal dawn trid iżżomm sod mingħajr ma tħalli l-emozzjonijiet jiġru bik.

Dan mhuwiex il-waqt għall-emozzjonijiet tagħna, m'aħniex hawn biex inxerrdu d-dmugħ mal-eroj tagħna, iżda biex nagħtu widen għall-istejjer tagħhom. Ħin il-biki jiġi aktar tard, wara x-xogħol, id-dar.

L-Ukreni huma ħerqana li jitkellmu. Huma jridu jsemmgħu leħinhom dwar l-atroċitajiet imwettqa mir-Russi, iridu jegħlbu d-diżinformazzjoni Russa, li tgħid li l-Ukreni qed jigdbu dwar l-attakki u li qed joqtlulhom lilhom infushom.

L-għan tagħna bħala ġurnalisti huwa li nħabbru lid-dinja dak li tabilħaqq qed iseħħ fl-Ukrajna.

A?BARIJET TAL-KESE



Id-dibattitu tal-KESE jfa??ar il-priorità mog?tija lill-SMEs fil-mi?uri futuri tal-UE.

Dibattitu dwar l-isfidi u l-prospetti għall-SMEs fl-UE ospitat mill-KESE laqa’ l-miżuri mħabbra fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni u ddiskuta l-proposti tal-KESE biex it-trasferimenti tan-negozji jsiru aktar faċli fost it-tħassib dwar in-numru dejjem jikber tagħhom.

Il-plenarja tal-KESE fit-22 ta’ Settembru inkludiet dibattitu dwar is-suġġett “**SMEs fl-Ewropa - sfidi u prospettivi**”. Fid-dibattitu pparteċipaw **David Clarinval**, Ministru Belġjan għall-SMEs, **Isabelle Schömann**, Segretarju Konfederali tal-Konfederazzjoni Ewropea tat-Trade Unions, u **Véronique Willems**, Segretarju Ġenerali ta’ SMEunited, u waqtu ġie ppreżentat ukoll rapport tal-KESE dwar it-trasferimenti tan-negozju fl-UE.

Is-Sur Clarinval pinġa stampa mħallta tas-sitwazzjoni li jiffaċċjaw l-SMEs Belġjani, bis-saħħiet tagħhom – id-diġitalizzazzjoni, l-innovazzjoni, l-

aċċess għall-finanzi – u d-dgħufijiet – nuqqas ta’ ħaddiema tas-sengħa, indiċjar awtomatiku tas-salarji, ħlasijiet tard. “Is-suq uniku huwa fundamentali għal dawn in-negozji,” huwa qal. “Madanakollu mhux dejjem huwa perfett, u anke issa r-reazzjonijiet għall-kwistjonijiet tal-enerġija jistgħu jibqgħu fil-livell nazzjonali f’ħafna każijiet.” Imbagħad iddeskriva l-miżuri stabbiliti mill-awtoritajiet Belġjani biex jgħinu lill-kumpaniji jiffaċċjaw il-kriżi tal-enerġija, b’enfasi fuq skemi ta’ flessibbiltà tal-ħlas.

Is-Sinjura Schömann ammettiet li veru li tajjeb li l-SMEs jiġu appoġġjati matul dawn iż-żminijiet ħorox, billi jiġu riveduti r-regoli tal-għajjnuna mill-Istat u l-politika tal-kompetizzjoni. Veru li tajjeb li jsir investiment fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fit-taħriġ mill-ġdid biex il-kumpaniji jiġu megħjuna jiffaċċjaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, iżda jkun żbaljat għan-negozji u l-SMEs li jħarsu lejn id-dimensjoni soċjali tat-tranżizzjoni doppja biss mil-lenti tal-ħiliet. Bl-istess mod fil-każ tal-kriżijiet reċenti, “Mhuwiex aċċettabbli li n-negozji, kemm jekk kbar kif ukoll jekk żgħar, ikollhom aċċess għall-flus pubbliċi mingħajr ebda kundizzjoni. Jeħtieġ li jkun hemm kundizzjonijiet soċjali biex jinżammu l-impjiegi – impjiegi ta’ kwalità,” argumentat, li jinkludu wkoll l-eżerċizzju effettiv tad-demokrazija fuq il-post tax-xogħol permezz tal-infurmar u l-konsultazzjoni tal-ħaddiema. L-antiċipazzjoni tal-bidla mhijiex kwistjoni għan-negozji biss. Jeħtieġ li l-kumpaniji jindirizzaw dan flimkien mal-ħaddiema jekk kulħadd irid jaċċetta l-miżuri li jiddaħħlu fis-seħħ.”

Is-Sinjura Willems faħħret il-miżuri l-ġodda mħabbra fl-indirizz tal-President tal-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni, partikolarment il-limiti tad-dħul għall-produtturi tal-elettriku u l-pakkett ta’ għajjnuna għall-SMEs fil-bżonn, fuq kollox id-Direttiva dwar il-ħlas Tard, għax “sempliċement mhux ġust li wieħed minn kull erbgħa fallimenti huma minħabba li l-fatturi ma jitħallsux fil-ħin. Il-Kummissjoni nediet bosta inizjattivi f’dan

il-mandat li se jkollhom impatt fuq l-SMEs. Madankollu, għadna mhux se nsejñulha qafas legali abilitanti,” qalet, filwaqt li rrimarkat dak li l-organizzazzjoni tagħha tqis bħala l-elementi neqsin, b’mod partikolari l-ħtieġa li t-[test tal-SMEs](#) isir aktar effettiv u jtaffi l-piż regolatorju: l-approċċ “one-in, one-out” mhuwiex biżżejjed. Irridu naħdmu b’approċċ “one-in, more-out,” saħqet hi. (dm)



Il-KESE jappella li għal kull leġiżlazzjoni futura ji ji introdott it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE

Matul il-plenarja ta’ Settembru, il-KESE adotta Opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar [it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE](#). Iż-żgħażaġh ilhom jitolbu li leħnhom jinstema’ fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet għal snin sħaħ. B’din l-Opinjoni, il-KESE jsir l-ewwel korp tal-UE li jappoġġja s-sejħa tagħhom għal mekkaniżmu li jivvaluta l-impatt tal-leġiżlazzjoni futura fuq iż-żgħażaġh.

Il-KESE jemmen li biex jinkiseb impatt dejjiemi u legat lil hinn mis-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ, jeħtieġ li ż-żgħażaġh jiġu involuti fit-tfassil ta’ politika.

Ir-relatur tal-KESE tal-Opinjoni, **Katrīna Leitāne**, qalet li ż-żgħażaġh qed jappellaw għat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE. Sabiex ir-regolamenti u l-politiki jsiru aħjar, għandu jiġi introdott it-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE: għodda tal-

analiżi tal-impatt imfassla biex jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda impatt negattiv ta’ kwalunkwe politika fuq iż-żgħażaġh u l-ġenerazzjonijiet futuri billi jkun hemm diskors bi skop maż-żgħażaġh u jiġu proposti miżuri ta’ mitigazzjoni.

Il-KESE jirrikonoxxi r-referenza għat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar ir-riżultat finali tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Madankollu, huwa jenfasizza li l-proposta tal-Kummissjoni ma tilħaqx l-għanijiet tal-proposta oriġinali, hija nieqsa minn involviment sinifikanti mal-organizzazzjonijiet u l-esperti taż-żgħażaġh u tonqos milli tqis b’mod sistematiku liż-żgħażaġh fil-politiki kollha sabiex jitqies l-impatt fit-tul tal-politiki fuq il-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-KESE jappella wkoll għal kooperazzjoni interistituzzjonali akbar billi jiġu allinjati inizzjattivi eżistenti ta’ suċċess bħad-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, “L-Ewropa Tiegħek, Leħnek” u l-Avveniment Ewropew taż-Żgħażaġħ. Barra minn hekk, il-Kumitat jiddeskrivi lista ta’ proposti dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-KESE u ser jikkunsidra modi kif il-kunċett tat-Test taż-Żgħażaġħ tal-UE jiġi inkorporat fil-ħidma tiegħu. (gb)



Fond ta' aġġustament għall-klima biex jiġi żgurat rispons rapidu għall-kriżijiet

F'Opinjoni fuq inizjattiva proprja, il-KESE jipproponi li jinħoloq fond ta' aġġustament għall-klima biex jiġi żgurat rispons rapidu għal kriżijiet ġodda tal-klima u tal-enerġija. Il-fond ta' aġġustament għall-klima jikkomplementa l-politiki eżistenti tal-UE u jiżgura użu aktar effettiv tal-finanzjament eżistenti.


Pereżempju, filwaqt li pprovda appoġġ impressjonanti lill-Istati Membri mill-2002, il-Fond ta' Solidarjetà tal-UE, bil-baġit annwali tiegħu ta' EUR 500 miljun, ma jistax ikopri l-ispejjeż tal-ħsara kkawżata minn diżastri naturali fl-2021. L-għargħar fl-Ewropa tal-Punent biss swew madwar EUR 38 biljun.

Ir-Relatur **Ioannis Vardakastanis** jgħid: "il-viżjoni tagħna għal fond ta' aġġustament għall-klima hija li niżguraw mekkaniżmu ta' finanzjament

b'saħħtu bl-użu ta' fondi eżistenti tal-UE biex jirrispondu malajr għall-emerġenzi u jgħinu biex komunitajiet bil-ħsara jinbnew mill-ġdid. Huwa mod ambizzjuż ħafna biex jerġgħu jinbnew u jiġu protetti żoni milquta minn kriżijiet urġenti tal-klima, l-enerġija u l-ambjent".

Barra minn hekk, il-kriżi tal-enerġija attwali ma kinitx fuq l-aġenda meta tfasslu l-baġit tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE għall-2021 sal-2027 u l-pjan ta' rkupru NextGenerationEU. Il-fond ta' aġġustament għall-klima jindirizza l-ħtieġa għal investiment urġenti f'sorsi alternattivi tal-enerġija b'mod aktar effettiv mill-mekkaniżmi eżistenti. Dan huwa speċjalment rilevanti issa, fejn ħafna nies ma jistgħux iħallsu l-kontijiet tal-gass jew tad-dawl tagħhom.

"M'aħniex lesti b'mod adegwat biex nirrispondu għall-emerġenzi u d-diżastri minħabba t-tibdil fil-klima u l-kriżi tal-enerġija, jew f'termini ta' volum ta' fondi jew ta' puntwalità", tgħid **Judith Vorbach**, korelatur għall-Opinjoni. "L-istabbiliment ta' fond ta' aġġustament għall-klima jkun għodda importanti biex tissolva dil-problema". (tk)



Je?tie? li l-UE ti?bed l-attenzjoni dwar is-sostenibbiltà soċjali

F’Opinjoni fuq inizzjattiva proprja, il-KESE jistieden lill-Kummissjoni tiddekrivi d-dispożizzjonijiet li huma meħtieġa biex it-tassonomija tas-sostenibbiltà tal-UE tiġi estiża għall-oġettivi soċjali. Il-Kummissjoni għandha l-mandat mir-Regolament dwar it-Tassonomija biex tippubblika rapport relatat, iżda s’issa naqset milli tagħmel dan.

“Il-KESE jappella għal tassonomija tal-UE olistika, li tinkludi s-sostenibbiltà ambjentali kif ukoll dik soċjali. Tassonomija soċjali tgħin biex l-investment jiġi kanalizzat lejn l-għanijiet soċjali”, tgħid ir-relatur **Judith Vorbach**. “Għandha tikkostitwixxi standard tad-deheb, li jirrifletti livell ogħla ta’ ambizzjoni minn dak previst fil-leġiżlazzjoni”.

It-tassonomija tal-UE hija sistema ta’ klassifikazzjoni li tistabbilixxi lista ta’ attivitajiet ekonomiċi ambjentalment sostenibbli biex tiżdied l-iskala tal-investment sostenibbli b’appoġġ għall-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-KESE huwa tal-fehma li tassonomija soċjali tgħin biex tindirizza talbiet fittizji min-negozji li jridu jattiraw investituri soċjalment responsabbli, billi tipprovdi informazzjoni preċiża dwar l-impronta soċjali tagħhom. Tassonomija soċjali inkwadrata b’mod intelliġenti tista’ tikkontribwixxi ħafna biex jiġi evitat l-hekk imsejjaħ ħasil soċjali (social washing) l-istess bħall-greenwashing.

Kęstutis Kupęys, membru tal-grupp ta’ studju, jenfasizza li l-industrija finanzjarja hija ħerqana li tiddiskuti t-tassonomija soċjali. “Hemm domanda għal prodotti finanzjarji sostenibbli fis-suq, inkluż għas-sostenibbiltà soċjali”, huwa qal. “Sakemm ma jkollniex klassifikazzjoni ċara dwar dak li jitqies bħala ‘soċjali’, dan l-aspett se jkun nieqes mill-qasam tal-investimenti sostenibbli.” (tk)



[Id-drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt: wasal i ?-?mien li mir-rakkomandazzjonijiet ng?addu g? all-azzjoni!](#)

Fis-26 ta' Settembru, il-KESE organizza [konferenza dwar l-aħħar Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istat tad-Dritt](#) biex jiddiskuti modi kif jiġi żgurat li r-rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport jirriżultaw f'titjib tanġibbli fl-Istati Membri.

Ir-[Rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Istat tad-Dritt](#) għall-ewwel darba jinvolveja rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż fir-rigward tal-ġustizzja, il-korruzzjoni, il-media, u sistema ta' kontrokontrolli. Il-progress kien irregolari fl-Unjoni, u għad hemm tħassib serju f'għadd ta' Stati Membri.

“L-UE għandha dejjem tuża l-għodod kollha tagħha – inkluża l-kondizzjonalità baġitarja – biex tindirizza kwalunkwe attakk għid fuq id-demokrazija, l-istat tad-dritt jew id-drittijiet tal-bniedem, hekk kif jitfaċċaw, u kull fejn iseħħu,” qalet il-President tal-KESE **Christa Schweng**, li fetħet il-konferenza.

Il-Kummissarju Ewropew għall-Ġustizzja, **Didier Reynders**, spjega li “Din is-sena reġgħet uriet li huwa fundamentali li tiġi ankrata kultura b'saħħitha tal-istat tad-dritt fl-UE. Hekk kif naħdmu flimkien biex ngħinu lill-Ukrajna tiddefendi s-sovranietà u l-integrità tagħha, nistgħu nibqgħu kredibbli biss jekk niproteġu l-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea wkoll.”

Il-konferenza kienet ukoll opportunità biex jiġi ppreżentat [it-tieni rapport ta' sinteżi mill-Grupp tal-KESE dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt](#), li jagħti ħarsa ġenerali lejn iż-żjarat fil-pajjiżi organizzati mill-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt fid-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ċeka, Spanja, Ċipru u l-Litwanja fl-2020 u l-2021. **Cristian Pîrvulescu**, President tal-Grupp dwar id-Drittijiet Fundamentali u l-Istat tad-Dritt, spjega li “Filwaqt li s-sistemi demokratiċi fil-pajjiżi li żorna wrew livell tajjeb ta' reżiljenza b'mod ġenerali, il-ħtieġa għal salvagwardji u sistema effettiva ta' kontrokontrolli, inkluż ir-rwol ta' għassies li taqdi s-soċjetà ċivili, kienet aktar ċara minn qatt qabel.”

Fil-kummenti tal-għeluq tagħha, **Edita Hrdá**, Rappreżentant Permanenti tar-Repubblika Ċeka għall-UE, enfasizzat l-importanza tas-soċjetà ċivili: “Is-soċjetà ċivili kapaċi tagħti l-ħajja lid-drittijiet tal-bniedem. Il-promozzjoni tal-Istat tad-Dritt hija kompitu dejjiemi li ma jeħtieġx biss il-kooperazzjoni tagħna, iżda wkoll viġilanza kostanti.” (gb)



Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika 2022: fil-qasam tal-prodotti organiċi, l-ażjar SME, l-ażjar bejjiegħ bl-imnut u l-ażjar restorant huma mill-ġermanja, il-Belġju u l-Iżvezja

Fit-23 ta' Settembru, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ħabbar ir-rebbieħa tal-ewwel **Premijiet tal-UE għall-Produzzjoni Organika**, koorganizzati mal-Kummissjoni Ewropea u msieħba oħra biex tiġi ppremjata l-eċċellenza fil-katina tal-valur tas-settur organiku Ewropew.

Ir-rebbieħa huma:

- Għall-ażjar SME li tipproċessa ikel organiku: **[Goodvenience.bio GmbH](#)** – Magdala, Thüringen, il-Ġermanja
- Għall-ażjar bejjiegħ bl-imnut tal-ikel organiku: **[La ferme à l'arbre de Liège](#)** – Lantin, Liège, il-Belġju
- Għall-ażjar restorant li jservi ikel organiku: **[Lilla Bjers HB](#)** – Visby, il-Gżira ta' Gotland, l-Iżvezja

Ir-rebbieħa tal-kategoriji kollha tħabbbru waqt ċerimonja speċjali li saret fil-Kummissjoni Ewropea fl-okkażjoni tal-Jum Organiku tal-UE u ospitata mill-Kummissarju tal-UE għall-Agrikoltura, **Janusz Wojciechowski**.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** qalet: “Il-KESE ilu għal snin fuq quddiem nett biex jippromovi politika dwar l-ikel sostenibbli u komprensiva fl-UE. Għaldaqstant, aħna kburin ħafna li qegħdin norganizzaw dawn il-premijiet b'mod konġunt, b'hekk nikkontribwixxu biex nissensibilizzaw lill-pubbliku dwar il-potenzjal tas-settur organiku li jgħin biex jinkisbu sistemi tal-ikel aktar sostenibbli”.

“Ir-rebbieħa llum urew kif huma jaħdmu ta' kuljum biex jagħmlu t-tranżizzjoni għal sistemi tal-ikel aktar sostenibbli u ġusti realtà”, qal **Peter Schmidt**, President tas-Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent (NAT) tal-KESE.

Il-premijiet ġew immedija bħala parti mill-impenn li sar fil-**[pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni għall-iżvilupp tal-produzzjoni organika](#)** bil-għan li tiġi rikonoxxuta l-eċċellenza tul il-katina tal-ikel organiku, mill-bidwi għar-restorant. (ks)



L-u?u ta' teknolo?iji tal-assorbiment tal-karbonju fl-industrija huwa kru?jali biex jintla?qu l-g?anijiet tal-Patt Ekolo?iku

Fil-plenarja ta' Settembru, il-KESE adotta [Opinjoni fuq inizjattiva proprja](#) dwar Teknoloġiji tal-assorbiment tal-karbonju għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija.

L-adozzjoni tal-Liġi Ewropea dwar il-Klima stabbiliet mira ambizzjuża għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2030, u kkonfermat l-għan tan-newtralità klimatika għall-2050. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet jeħtieġ li jintużaw teknoloġiji tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju. Aktar ma t-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jkun inqas rapidu u rigoruż, aktar se tiżdied id-dipendenza fuq it-teknoloġiji tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju biex jintlaħqu l-miri tal-[Ftehim ta' Pariġi](#).

“Id-dekarbonizzazzjoni se tirrikjedi trasformazzjoni profonda tal-attivitajiet industrijali fi żmien 30 sena”, qal **Andrés Barceló Delgado**, ir-relatur tal-Opinjoni. “Għalkemm diġà jeżistu ħafna teknoloġiji b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-progress tagħhom għadu baxx. Neħtieġu pjani direzzjonali ambizzjużi biex dawn it-teknoloġiji rivoluzzjonarji jiġdiedu u jintużaw b'mod wiesa', u l-UE jeħtiġilha tippromovi l-innovazzjoni permezz tal-Fond għall-Klima u dak għall-Innovazzjoni.

Skont meta jib dew jintużaw, it-teknoloġiji tal-assorbiment tad-diossidu tal-karbonju jistgħu jservu żewġ għanijiet differenti: i) jaċċelleraw il-kisba ta' emissjonijiet netti żero billi jikkumpensaw għal dawk minn setturi diffiċli biex jitrażżnu, u b'hekk tiżdied il-probabbiltà li jibqgħu fil-limiti tat-temperatura; jew ii) iġibu t-tisħin globali għal livelli inqas mil-limiti stabbiliti wara li jkun hemm temperatura massima 'l fuq mil-limiti (overshoot).

“L-iżvilupp tat-teknoloġiji, flimkien mal-edukazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol, huma vitali għat-tranżizzjoni ekoloġika fl-industrija tal-manifattura. Id-djalogu soċjali, kemm fil-livell Ewropew, kif ukoll f'dak tal-Istati Membri u reġjonali, għandu jappoġġja s-sensibilizzazzjoni, l-aċċettazzjoni u tranżizzjoni ekoloġika u ġusta fl-industrija. Il-bini tal-kapaċitajiet u l-proġetti li jiddefinixxu l-ħiliet ewlenin se jkun essenzjali sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni industrijali effettiva li fiha ħadd ma jitħalla jibqa' lura”, qalet il-korelatur għall-Opinjoni, **Monika Sitárová**. (ks)



Enerġija: il-KESE jwissi kontra l-?olqien ta' dipendenzi ?odda

F'Opinjoni reċenti, il-KESE jappoġġja l-pjan REPowerEU tal-Kummissjoni Ewropea biex l-UE titbiegħed mill-gass u ż-żejt Russi, iżda jirrimarka li ħafna mill-problemi li issa qed jiġu indirizzati b'ħala kwistjoni ta' urġenza setgħu ġew evitati jew imrażżna billi titnaqqas id-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija ħafna żmien ilu u jiġi kkompletat is-suq tal-enerġija, kif il-KESE ilu s-snin ihegħġeġ .

F'Opinjoni li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru u li tfasslet minn **Stefan Back, Thomas Kattnig** u **Lutz Ribbe**, il-Kumitat enfasizza li li l-effetti ekonomiċi u soċjali kkombinati tal-kriżi tal-enerġija attwali se

jpoġġu s-sistema demokratika tal-UE taħt pressjoni sakemm ma jinstabux soluzzjonijiet adegwati.

Għandhom jiġu implimentati miżuri immedjati biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista bi spiża li tkun "affordabbli kemm jista' jkun" kemm għall-konsumaturi kif ukoll għall-industrija, li huma affettwati mill-kriżi attwali tal-prezzijiet, sabiex jiġi evitat it-taqlib soċjali.

Il-KESE jgħid li l-pjan REPowerEU huwa pass fid-direzzjoni t-tajba, iżda jwissi li dawn il-miżuri ta' emerġenza m'għandhomx iwasslu għal dipendenzi ġodda u m'għandhomx ikunu ta' ħsara għall-isforzi biex tinkiseb in-newtralità klimatika malajr kemm jista' jkun.

Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa strateġija ġeopolitika għall-importazzjoni tal-enerġija, li tqis il-kwistjonijiet enerġetiċi u klimatiċi urġenti, qabel ma tikkonkludi s'hubijiet ma' pajjiżi mhux demokratiċi jew politikament instabbli.

Skont il-Kumitat, il-ħtieġa urġenti biex jiġu żgurati l-provvisti tirrikjedi flessibbiltà fir-rigward tal-użu temporanju tal-fjuwils fossili u b'emissjonijiet baxxi. (mp)



L-UE te?tie? aktar investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-enerġija biex ti??ieled it-tibdil fil-klima

L-UE teħtieġ tindirizza l-kriżi klimatika permezz ta' approċċ tripplu: il-mobilizzazzjoni tal-fondi, l-involviment taċ-ċittadini u tas-settur privat, u l-eżerċitar ta' tmexxija politika b'saħħitha. Dan huwa l-messaġġ imwassal minn Opinjoni fuq inizjattiva proprja tal-KESE adottata fil-plenarja ta' Settembru.

L-[Opinjoni](#), abbozzata minn **Thomas Kattnig** u **Lutz Ribbe**, tiddiskuti li sabiex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem tikber għall-elettriku u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-klima, l-UE trid

tinvesti aktar f'sistemi tal-enerġija intelliġenti u rinnovabbli u fl-infrastruttura tal-ħżin, u li kulħadd irid jagħti sehm.

Skont il-federazzjoni tal-industrija Ewropea tal-elettriku, Eurelectric, l-UE trid tirdoppja l-investiment fil-grilja elettrika għal EUR 55 biljun fis-sena u żżid il-baġit għall-bini tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni nadifa għal EUR 75 biljun fis-sena.

"Neħtieġu investiment pubbliku enormi sabiex niksbu t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-għanijiet tal-klima. Dan huwa essenzjali sabiex niżguraw is-sigurtà tal-provvista, nindirizzaw il-faqar enerġetiku, inżommu l-prezzijiet affordabbli u noħolqu l-impjiegi", qal **is-Sur Kattnig**.

Fir-rigward tal-organizzazzjoni futura tas-sistemi u l-infrastruttura tal-enerġija, il-KESE jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ttejjeb id-diżinn tas-suq tal-elettriku, u huwa bil-qawwa favur valutazzjonijiet tas-suq sabiex tiġi analizzata l-imġiba tal-atturi kollha potenzjali. "Sabiex jiġi diżinjat suq tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb, huwa importanti li l-Kummissjoni tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tas-sjeda pubblika u privata u/jew il-finanzjament privat tal-infrastruttura tal-enerġija," qal **is-Sur Ribbe**.

Sabiex jiġi ffinanzjat l-investiment tal-infrastruttura, il-KESE jirrakkomanda li jitnaqqsu l-profitti żejda tal-kumpaniji tal-enerġija u tiġi applikata "regola tad-deheb" għal kwalunkwe proġett assoċjat mal-indipendenza tal-enerġija. (mp)



[Affordable quality healthcare for all Europeans: "a model for the society we stand for"](#)

F'dibattitu mal-Viċi President tal-Kummissjoni Margaritis Schinas fis-sessjoni plenarja tiegħu ta' Settembru, il-KESE ħeġġeġ lill-Kummissjoni tkun ambizzjuża fl-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropea l-ġdida għall-kura. Il-KESE poġġa l-enfasi fuq il-ħaddiema tas-saħħa u l-ħiliet, l-edukazzjoni u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u identifika l-bini tal-fiduċja bħala prerekwiżit għas-suċċess tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa.

Fis-sessjoni plenarja tiegħu tat-22 ta' Settembru, il-KESE kellu dibattitu dwar l-inizjattivi tal-politika tas-saħħa tal-UE mal-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissarju għall-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna, **Margaritis Schinas**.

Il-President tal-KESE **Christa Schweng** qalet, "Il-KESE jappoġġja l-inizjattivi kollha tal-UE biex tinħoloq Unjoni Ewropea tas-Saħħa u biex jiżdiedu r-reżiljenza u t-tnejjija għal kwalunkwe theddid futur."

“Aħna determinati li nuru li s-saħħa mhijiex biss politika, hija min aħna; din hija parti mill-mudell ta’ soċjetà miftuħa li nappoġġjaw, tal-istil ta’ ħajja Ewropew tagħna,” saħaq is-**Sur Schinas**.

Bħala l-istituzzjoni tal-UE li kienet l-ewwel waħda li talbet għall-ħolqien ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa, il-KESE adotta Opinjonijiet dwar tnejn mill-inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni dwar is-saħħa, li għandhom l-għan li jiżguraw li kull Ewropew ikollu aċċess għal kura tas-saħħa affordabbli u ta’ kwalità għolja.

Fl-Opinjoni dwar l-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa, il-KESE faħħar il-proposta tal-Ispazju Ewropew tad-Data dwar is-Saħħa bħala opportunità eċċellenti li tawtonomizza lill-individwi fl-aċċess u l-kontroll tad-data personali tagħhom dwar is-saħħa. Huwa ta l-appoġġ tiegħu għal kampanja ta’ komunikazzjoni pubblika fuq skala kbira biex tgħin lin-nies jifhmu l-benefiċċji tal-proċess ta’ kondivizzjoni u biex ikollhom fiduċja u kunfidenza fis-sistema.

“Il-fiduċja se tkun kruċjali. Iċ-ċittadini jeħtieġ li jkunu komdi bl-użu tad-data tagħhom, kemm f’termini ta’ titjib tas-servizzi pubbliċi kif ukoll tal-użu possibbli ta’ din id-data biex jiġi miġġieled il-mard u jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi mir-riċerkaturi,” qal ir-relatur tal-Opinjoni, **Gonçalo Lobo Xavier**.

Il-KESE adotta wkoll Opinjoni dwar l-Istrateġija dwar il-Forza tax-Xogħol u l-Kura tas-Saħħa, li fiha appella għal strateġija ambizzjuża dwar il-kura ċċentrata fuq in-nies li tista’ ttejjeb il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul fl-UE kollha, filwaqt li tiżgura standards ta’ kwalità ugwali fl-Istati Membri kollha jew fost ir-reġjuni f’kull pajjiż. Huwa ppropona garanzija ta’ kura Ewropea biex jiġi żgurat li kull min jgħix fl-UE jkollu aċċess għal servizzi ta’ kura affordabbli.

“Is-sistema tal-kura hija test deċiżiv għall-istil ta’ ħajja Ewropew tagħna, li jeħtieġ li jkun soċjalment ġust u inklużiv,” qal ir-relatur għall-Opinjoni, **Zoe Tzotze-Lanara**.

Danko Relić, korelatur għall-Opinjoni, enfasizza l-ħtieġa li l-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa tkun imħarrġa, kwalifikata u motivata. “Il-ħaddiema tas-saħħa għandu jkollhom kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin. Għandhom jitħallsu b’mod adegwat u jkollhom sigħat tax-xogħol deċenti, igawdu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u jkollhom garanziji għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol! ”, saħaq is-**Sur Relić**. (II)



Il-?lieda kontra l-faqar ener?etiku g?andha tkun fuq nett tal-a?enda politika tal-pajji?i tal-UE

Peress li l-għadd ta' unitajiet domestiċi fl-UE li mhux se jkunu jistgħu jsaħħnu djarhom x'aktarx li se jiżdied, u l-inflazzjoni annwali tal-enerġija qabżet l-40 %, f'Opinjoni reċenti l-KESE jhegġegħ lill-UE u lill-Istati Membri biex jimplimentaw miżuri urġenti għall-prevenzjoni u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku.

Il-KESE jhegġegħ lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri jagħmlu l-aċċess ugwali għall-enerġija u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija bi spiża affordabbli, il-prijorità assoluta tagħhom.

F'Opinjoni dwar [L-indirizzar tal-faqar enerġetiku u r-reżiljenza tal-UE](#), li ġiet adottata fis-sessjoni plenarja ta' Settembru, il-KESE jirrikonoxxi l-importanza li inizjattivi reċenti tal-Kummissjoni Ewropea jagħtu lill-enerġija, bħall-pakkett "leste għall-mira ta' 55%", l-implimentazzjoni tal-

Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Mewġa ta' Rinnovazzjoni. Madankollu, il-Kumitat jwissi li, mingħajr implimentazzjoni rapida, impenji b'saħħithom u miżuri konkreti mill-Istati Membri, dawn l-inizjattivi mhux se jkunu biżżejjed biex tiġi indirizzata l-kriżi attwali.

"Għandu jkun hemm approċċ komuni għall-fehim u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku fil-livell tal-UE", qal **Ioannis Vardakastanis**, ir-relatur tal-Opinjoni. "Tali approċċ jista' jwassal għal definizzjoni komuni. Fl-istess ħin, għandna nħallu f'idejn kull Stat Membru biex isib soluzzjonijiet imfassla apposta. L-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li dawk l-aktar vulnerabbli ma jitħallewx mingħajr appoġġ".

Il-miżuri nazzjonali biex jittaffew l-effetti negattivi taż-żieda fil-prezzijiet fuq dawk l-aktar vulnerabbli għandhom jinkludu appoġġ finanzjarju dirett u politiki soċjali, jew inċentivi u appoġġ biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija, abbażi taċ-ċirkostanzi speċifiċi nazzjonali u lokali.

Sabiex jiġi żgurat approċċ tassew komprensiv, il-KESE jappella sabiex titwaqqaf koalizzjoni politika wiesgħa u ambizzjuża biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, u li l-azzjonijiet tagħhom jiġu żviluppati aktar fi strateġija tal-UE. L-għan għandu jkun li l-faqar enerġetiku jitnaqqas għal livell minimu sal-2030, u li fit-tul jinqered għalkollox.

Flimkien mal-istituzzjonijiet tal-UE, il-koalizzjoni għandha tinvolvi lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inkluż dawk li jirrappreżentaw lill-popolazzjonijiet li l-aktar li jinsabu f'riskju ta' faqar enerġetiku. L-awtoritajiet lokali u municiċipali għandhom jiġu involuti wkoll.

Il-KESE jenfasizza wkoll l-importanza li jkun hemm investiment fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll ir-rinnovazzjoni fuq skala kbira tal-bini. L-Istati Membri, f'ħidma mal-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom jagħtu priyorità lil rinnovazzjoni profonda li twassal għal aktar minn 60 % f'iffrankar tal-enerġija. Biex dan ikun fattibbli, huwa ċar li hemm bżonn ta' ammont kbir ta' investiment privat. (II)



[Il-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-impjiegi g? all-Istati Membri jindirizzaw b'mod adatt l-isfidi l-aktar urġenti](#)

Il-KESE dan l-aħħar ħareġ opinjoni favorevoli għal-linji gwida tal-Kummissjoni Ewropea għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri, u ddeskrivhom bħala adatti peress li jindirizzaw l-aktar kwistjonijiet urġenti fis-suq tax-xogħol.

F'[Opinjoni](#) adottata fis-sessjoni plenarja tiegħu f'Settembru, il-KESE enfasizza li s-sitwazzjoni ġeopolitika dejjem aktar inċerta - li x'aktarx se tolqot ħażin l-ekonomija tal-UE, tikkawża inflazzjoni għolja u reċessjoni, u tnaqqas il-kapaċità tal-akkwist - tiġġustifika azzjoni deċiżiva mill-Istati Membri, li għandhom jaħdmu lejn suq uniku verament integrat u jgħinu lill-SMEs jespandu.

"In-nuqqas ta' ħaddiema qed jerġa' jżidied, u din hija r-raġuni għaliex nemmnu li għandhom jiġu implimentati miżuri effettivi sabiex l-imsieħba soċjali jiġu mħeġġa jindirizzaw il-ħtiġijiet tal-ħiliet fil-livell nazzjonali,

b'azzjoni adattata għas-setturi individwali u s-sitwazzjonijiet lokali. L-akkwist tal-ħiliet u l-kompetenzi rilevanti qed isir dejjem aktar importanti kemm għall-ħaddiema kif ukoll għan-negozji," qalet ir-relatur tal-Opinjoni **Mariya Mincheva**, hija u tindirizza l-plenarja.

Skont il-KESE, l-imsieħba soċjali għandu jkollhom rwol akbar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tar-riformi u l-politiki tal-impjieg, dawk soċjali u ekonomiċi, inkluż billi jibnu l-kapaċità tagħhom.

Sfida importanti hija li titnaqqas ir-rata ta' inattività, u l-appoġġ immirat huwa speċjalment importanti għall-persuni qiegħda fit-tul, qal il-KESE fl-Opinjoni. L-Opinjoni għamlet ukoll enfasi speċjali fuq il-faqar fost dawk li jaħdmu u l-ħtieġa għal strumenti ta' politika bħal pagi deċenti, inklużi pagi minimi adegwati, u inċentivi finanzjarji temporanji mfassla tajjeb, akkumpanjati minn miżuri mmirati u effettivi ta' taħriġ f'ħiliet u titjib tal-ħiliet.

Għandhom jissaħħu wkoll il-politiki mfassla biex jappoġġjaw liż-żgħażaġħ, lill-persuni b'diżabilità u lil gruppi vulnerabbli oħra fis-suq tax-xogħol.

Fl-2022, il-Kummissjoni Ewropea pproponiet għadd ta' emendi għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri. Dawn jirriflettu inizjattivi reċenti u jżidu elementi ġodda relatati mal-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja. Il-KESE laqa' l-enfasi tal-Kummissjoni fuq l-ambjent ta' wara l-COVID bl-għan li tiżgura tkabbir sostenibbli.

Il-linji gwida emendati jiffokaw fuq diversi kwistjonijiet bħat-tisħiħ tad-domanda għax-xogħol; it-titjib tal-aċċess għall-impjieg, l-akkwist tul il-ħajja ta' ħiliet u kompetenzi; it-titjib tal-funzjonament tas-swieq tax-xogħol u l-effettività tad-djalogu soċjali u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs għal kulħadd. (II)

A?BARIJET MILL-GRUPPI



Ewropa li qed tixjie? te?tie? aktar trasferimenti ta' negozji b'su??ess

Minn Mira-Maria Kontkanen, Membru tal-Grupp ta' Min Iħaddem tal-KESE

Meta mqabbla ma' negozji ġodda, in-negozji trasferiti b'suċċess għandhom prestazzjoni aħjar f'termini ta' sopravivenza, fatturat, profitt, innovazzjoni, u impjegi. Għalkemm hemm raġuni tajba biex jiġu appoġġjati l-intraprendituri Ewropej ta' negozji ġodda, jeħtieġ li t-trasferimenti ta' negozji jiġu promossi bl-istess mod fit-triq tal-Ewropa lejn l-irkupru u t-tkabbir.

Bidla fis-sjieda hija parti naturali taċ-ċiklu tal-ħajja ta' kumpanija u ssir dejjem iktar rilevanti hekk kif l-intraprendituri Ewropej jikbru fl-età. Kull sena madwar 450 000 kumpanija b'2 miljun impjegat qed jiġu trasferiti fl-Ewropa. Madankollu, huwa stmat li kull sena, madwar 150 000 negozju jirriskjaw li ma jiġux trasferiti b'suċċess, u b'hekk jipperikolaw madwar 600 000 impjieg.

Iż-żieda fl-għadd ta' trasferimenti ta' negozji b'suċċess għandha benefiċċji immedjati għall-ekonomija Ewropea. Ekosistemi ta' trasferiment ta' negozji li jiffunzjonaw tajjeb u mekkaniżmi ta' appoġġ mhux biss jissalvagwardjaw l-impjegi Ewropej, iżda jippromovu wkoll il-koeżjoni ekonomika u soċjali fiż-żoni rurali u jiżguraw varjetà ta' prodotti u servizzi, kif ukoll l-għajxien f'dawn iż-żoni. It-trasferimenti ta' negozji jistgħu wkoll jiffaċilitaw u jagħtu spinta lit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali tal-MSMEs Ewropej, peress li t-trasferiment tas-sjieda sikwit huwa żmien tajjeb għal tiġdid fil-kumpanija u biex jiġu adottati modi ġodda ta' negozju.

Għalkemm ir-responsabbiltà finali tat-trasferiment ta' negozju hija tal-intraprenditur, hemm aktar xi jsir fil-livell tal-Istati Membri u dak Ewropew biex jiġdied l-għadd ta' trasferimenti ta' negozji b'suċċess, fosthom:

- attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, b'all-organizzazzjoni ta' ?img?a ddedikata g'all-promozzjoni tat-trasferimenti ta' negozji u forums nazzjonali g'all-partijiet interessati dwar it-trasferimenti ta' negozji;
- l-istabbiliment ta' barometru dwar it-trasferimenti ta' negozji fl-UE kollha biex ji?i appo??at it-tfassil ta' politika bba?at fuq l-evidenza, kemm fil-livell Ewropew kif ukoll dak nazzjonali;
- l-inklu?joni tal-g?arfien dwar l-akkwist ta' kumpanija u s-su??essjoni fl-edukazzjoni intraprenditorjali, u l-i?vilupp ta' in?entivi g?at-trasferiment ta' kumpaniji ?g?ar lil intraprendituri ?g?a?ag?;
- l-i?vilupp ta' trasferimenti transfruntiera tal-MSMEs pere?empju permezz ta' interkonnessjonijiet bejn is-swieq tat-trasferimenti ta' negozji fl-EU kollha.

L-Ewropa għandha timmira li tiġi f'sitwazzjoni fejn l-akkwist ta' negozju eżistenti jiġi kkunsidrat bħala opportunità li tkun ugwalmart attraenti daqslikieku wieħed isir intraprenditur ta' negozju ġdid. Dan jista' jsir biss jekk l-UE u l-Istati Membri jqiegħdu l-promozzjoni tat-trasferimenti ta' negozji fil-qalba tal-politiki tagħhom għall-irkupru, it-tkabbir u l-intraprenditorija.

Aqra l-artiklu kollu fl-[edizzjoni ta' Settembru tal-bullettin tal-Grupp ta' Min Iħaddem](#). L-Opinjoni tal-KESE dwar *Trasferimenti ta' negozji bħala promoturi tat-tkabbir tal-irkupru sostenibbli fis-settur tal-SMEs*, li r-relatur tagħha kienet is-Sinjura Kontkanen, tinsab [hawnhekk](#).



Xogħol deġenti madwar id-dinja: Il-?lieda kontra x-xogħol furzat u t-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-ktajjen tal-provvista Ewropej

Mill-Grupp tal-Ħaddiema tal-KESE

Nappoġġjaw bil-qawwa l-promozzjoni ta' xogħol deċenti mill-Kummissjoni, iżda ninsabu mħassba dwar il-lakuni fil-proposti attwali li jistgħu jwasslu għal implimentazzjoni subottimali.

Ix-xogħol furzat jista' jidher bħala problema remota għal bosta Ewropej, iżda fir-realtà, din il-kwistjoni mhijiex daqstant imbiegħda daqs kemm wiehied jista' jaħseb. Instab li ħafna oġġetti li nużaw kuljum, fosthom

ħwejjeġ u smartphones, [għandhom materjali li jiġu manifatturati bl-użu ta' xogħol furzat](#).

Sforzi għat-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-iskjavitù moderna wasslu għal tnaqqis kostanti tal-għadd ta' persuni li jinsabu f'sitwazzjoni ta' xogħol furzat. Madankollu, fl-2016 din ix-xejra inqalbet.

L-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tistma li fl-2021 kien hemm 28 miljun persuna li jinsabu f'sitwazzjoni ta' xogħol furzat, 10 miljuni aktar mill-2016. Matul l-istess perjodu, [l-għadd ta' tfal ta' bejn il-5 snin u s-17-il sena li huma involuti fi tħaddim tat-tfal](#) żdied b'aktar minn 8 miljuni għal total ta' 160 miljun.

L-Unjoni Ewropea użat il-politika kummerċjali biex tiġġielel kontra l-iskjavitù moderna lil hinn mill-fruntieri tagħha. Dawn l-isforzi ħallew il-frott. Kmieni din is-sena, l-[ILO ddikkjarat li l-Użbekistan huwa ħieles mit-tħaddim tat-tfal u mix-xogħol furzat](#), wara ħidma konġunta bejn l-UE, l-Istati Uniti, il-Ġermanja, l-Iżvizzera u l-ILO.

Aktar reċenti, l-UE saħħet l-għodod li hija tuża biex tindirizza prattiki ħżiena fil-qasam tax-xogħol lil hinn mill-fruntieri tagħha. [Fi Frar](#), il-Kummissjoni ħarġet Komunikazzjoni dwar Xogħol deċenti madwar id-dinja, li tafferma mill-ġdid l-impenn tal-Ewropa għal xogħol deċenti fi ħdanha u lil hinn mill-fruntieri tagħha. Il-Komunikazzjoni ddeskriviet ukoll oqsma li l-Kummissjoni beħsiebha tiffoka fuqhom fit-tisħiħ tal-għodod eżistenti u dawk futuri. Id-[Direttiva proposta dwar id-diliġenza dovuta tas-sostenibbiltà korporattiva](#) tistabbilixxi obbligu fuq l-impjegaturi l-kbar biex jindirizzaw l-impatti negattivi fuq l-ambjent u fuq id-drittijiet tal-bniedem fil-ktajjen tal-provvista tagħhom. Barra minn hekk, bħala parti mid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni, il-President von der Leyen ħabbret [proposta li tipprojbixxi prodotti magħmulin minn xogħol furzat milli jidħlu fis-suq tal-UE](#).

Aħna se nkomplu nappoġġjaw bil-qawwa l-ħidma tal-Kummissjoni favur xogħol deċenti. Madankollu, ninsabu mħassba li l-lakuni fil-proposti attwali jistgħu jwasslu għal implimentazzjoni subottimali. Ħafna SMEs mhux se jilħqu l-limitu tal-impjegati jew tal-fatturat nett li jdaħħluhom fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni. L-użu ta' terminoloġija vaga fid-Direttiva jippreġudika l-effikaċja tagħha u jeħtieġ aktar kjarifika. In-nuqqas ta' kodifikazzjoni tal-istrutturi għad-djalogu soċjali jirriskja li jħalli barra lill-ħaddiema bħala għodda effettiva fis-

sorveljanza. L-isforzi tal-Ewropa biex ittejjeb l-istandards tax-xogħol madwar id-dinja ċertament huma nobbli, iżda għad irridu naraw jekk il-proposti tagħha humiex se jiġu infurzati b'mod adegwat. (lc)



Ne?tie?u sistemi tal-kura u tal-kura tas-saħħa li jiffukaw fuq in-nies, drittijietom u ?ti?ijietom

Minn Danko Relić, membru tal-Grupp tal-KESE tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili u relatur tal-Opinjoni SOC/720

Biex jiġu żviluppati sistemi tal-kura u tas-saħħa li huma b'saħħithom u reżiljenti fl-Unjoni Ewropea, neħtieġu forza tax-xogħol istruwita, kwalifikata u motivata. Neħtieġu sistemi tal-kura u tal-kura tas-saħħa li jiffukaw fuq in-nies, drittijietom u ħtiġijietom.

Dan ifisser ukoll li n-nies għandhom jieħdu sehem fid-diskussjonijiet, il-konsultazzjonijiet u d-deċiżjonijiet rilevanti kollha. Jekk jiġu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet, se nkunu nistgħu niksbu kopertura tas-saħħa ċċentrata fuq il-bniedem għal kulħadd u d-“dritt għas-saħħa”, kif

irrakkomandat il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa. Huwa biss b'dan il-mod li se nkunu nistgħu niggarantixxu li l-Ewropej kollha jkollhom aċċess ugwali u sostenibbli għall-kura tas-saħħa li hija affordabbli, preventiva, kurativa u ta' kwalità għolja.

Fl-[Opinjoni fuq inizzjattiva proprja Strateġija dwar il-forza tax-xogħol u l-kura fil-qasam tas-saħħa \(SOC/720\)](#) adottata reċentement, il-KESE jappella sabiex jinholq servizz ta' sorveljanza tal-forza tax-xogħol tas-saħħa Ewropea sabiex jgħin lill-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu strutturi ta' ppjanar u jikkoordinaw aspetti transfruntiera tal-ippjanar. Dan ikun marbut mad-dritt għall-moviment liberu tal-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura. Il-Kumitat jipproponi wkoll li jiġi aġġornat il-Pjan ta' Azzjoni għall-Forza tax-Xogħol fil-Qasam tas-Saħħa u tal-Kura fl-Unjoni Ewropea, inklużi l-ippjanar u t-tbassir integrat tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa u tal-kura u l-adattament tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol fil-qasam tas-saħħa u l-kura fit-tul.

Kun af aktar dwar l-Opinjoni SOC/720 fuq: <https://europa.eu/!9YgygW>

SOON IN THE EESC/CULTURAL EVENTS



CONNECTING EU SEMINAR 2022

Geopolitical turmoil at Europe's door:
the perspective of civil society

24-25/11/2022

Zagreb, Croatia - Hotel Dubrovnik



GSV
geopolitical
society

in collaboration
with the



European Parliament
Office in Zagreb

Inkwiet ?eopolitiku fuq l-g?atba tal-Ewropa: il-perspettiva tas-so?jetà ?ivili

Is-seminar annwali tal-KESE għall-komunikaturi tas-soċjetà ċivili, li ser isir f'Zagreb fl-24-25 ta' Novembru, ser jikkonċentra fuq l-impatt tal-gwerra fl-Ukrajna fuq l-UE u ser jindirizza tliet kwistjonijiet diffiċli.

“Inkwiet ġeopolitiku fuq l-għatba tal-Ewropa: il-perspettiva tas-soċjetà ċivili” ser jiffoka fuq tliet aspetti tal-gwerra:

It-tkabbir tal-UE: il-gwerra ser tibdel id-direzzjoni tat-tkabbir tal-UE? L-Ukrajna kemm hija ppreparata biex tissie?eb mal-UE, issa li hija pajji? kandidat? Kemm huwa ?ust dan it-trattament spe?jali lejn il-pajji?i kandidati li ilhom snin s?a? jistennew biex jissie?bu mal-UE? U dan kollu kif jid?ol fil-prospettiva ta' komunità ?eopolitika Ewropea?

L-enerġija: hekk kif l-UE tirrifjuta l-gass u ?-?ejt Russi li huma or?os u l-industrija u l-?addiema Ewropej jinsabu ta?t pressjoni, x'jistg?u jag?mlu l-pajji?i tal-UE biex jg?inu lin-nies jeg?lbu dan il-mument diffi?li? Ser jkollhom it-tentazzjoni li jer?g?u lura g'all-fa?am li jni??es ?afna jew dan ser i?affet it-tran?izzjoni ekolo?ika? L-UE tista' to?ro? lill-pajji?i tag?ħa minn din il-kri?i bl-istess su??ess b?alma kellha bil-kri?i tal-COVID-19?


Komunikazzjoni: wa?da mill-armi ewlenin f'din il-gwerra, il-komunikazzjoni qed tag?mel u?u mill-potenzjal il-?did kollu offrut mit-teknolo?ija. I?-?ew? partijiet f'kunflitt kif qed ju?awha? Min qieg?ed jirba? u l-UE kif qed tindirizza din il-mew?a ?dida ta' di?informazzjoni?

Il-kelliema ewlenin jinkludu l-ġurnalista **Tim Weber**, speċjalista dwar id-diżinformazzjoni online u l-kreatur tal-BBC online, il-ġurnalista **Regis Genté**, koawtur tal-ktieb “Volodymyr Zelensky: in the mind of a hero” u **Dušan Gajić**, awtur tad-dokumentarju “The Graduates” dwar il-kriżi ta' identità li hemm fis-Serbja min?ħabba l-gwerra.

Is-seminar huwa parti mis-serje “Nikkollegaw l-Ewropa”, issa fis-16-il sena tagħha, li għandha l-għan li toffri pjattaforma fejn il-professjonisti tal-istampa u l-komunikazzjoni minn organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili

jistgħu jinteraġixxu filwaqt li jiddiskutu kwistjonijiet attwali ta' interess komuni li jolqtu lill-Ewropa. Is-seminar jgħaqqad membri tal-KESE u rappreżentanti oħra tal-UE, organizzazzjonijiet imsieħba mill-Istati Membri, ġurnalisti u riċerkaturi biex jiddiskutu l-kwistjonijiet jaħarqu tal-ġurnata.

Il-programm sħiħ ser ikun disponnibbli dalwaqt fis-sit web tal-KESE. Wieħed jista' jipparteċipa fl-avveniment fuq stedina, iżda hemm xi postijiet disponibbli għall-partijiet interessati. Biex tikseb invit jekk jogħġbok ikteb lil pressofficers@eesc.europa.eu (dm)



Il-kreattività fi ?minijiet tal-COVID-19: il-ka? tal-industrija mu?ikali


Is-sit web tal-KESE qed jospita sensiela ta' intervisti bil-filmati ma' professjonisti mużikali li jagħtu ħarsa lejn kif il-pandemija tal-COVID-19 biddlet xogħolhom.

Is-setturi kulturali u kreattivi huma fost l-industriji li ntlawqta l-agħar mill-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, bl-użu tal-għodod diġitali, il-kreattività u l-innovazzjoni, l-artisti setgħu jibqgħu f'kuntatt mal-udjenzi tagħhom. Tfaċċaw forom ġodda ta' kontenut, xi wħud minnhom juru artisti jirrekordjaw fi djarhom u joħolqu relazzjoni aktar personali mal-udjenzi tagħhom. Id-diġitalizzazzjoni għamlet ukoll il-mużika aktar aċċessibbli għall-gruppi emarġinati jew vulnerabbli.

Din is-sensiela ta' intervisti, [bit-titolu "Il-COVID ma jistax ixejjen il-kreattività"](#), tesplora kif is-settur adatta għall-miżuri restrittivi tas-saħħa pubblika li ġew imposti minħabba l-COVID-19 permezz tal-użu intelliġenti tad-diġitalizzazzjoni u l-innovazzjoni, kif il-pandemija aċċellerat id-diġitalizzazzjoni fis-settur tal-mużika, u kif l-innovazzjoni tista' tiġi sfruttata wara l-pandemija. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-benefiċċji li s-settur mużikali qiegħed igawdi mid-diġitalizzazzjoni.

Il-proġett huwa inizjattiva konġunta tat-tliet gruppi tal-KESE (il-Grupp ta' Min l'ħaddem, il-Grupp tal-Ħaddiema, u l-Grupp tal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili), il-proġett se juri kemm hija kruċjali l-kultura, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, u kif l-appoġġ lis-settur u l-għajnuna sabiex dan is-settur jibqa' ħaj huma essenzjali għas-soċjetà tagħna, u li l-kultura se taqdi rwol fundamentali biex l-irkupru jingħata spinta.

Is-sensiela "Il-COVID mhux se jxejjen il-kreattività" se titnieda uffiċjalment fis-26 ta' Ottubru. Tista' tara l-filmati [HAWNHEKK](#). (ck)



Wirja tal-KESE tfakkar l-20 anniversarju tal-munita komuni tal-Ewropa

“Il-vjaġġ tal-euro” hija serje ta’ immaġni li juru l-istorja tal-euro, li tlaqqja’ flimkien materjal mill-Arkivji Storiċi tal-Unjoni Ewropea, informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea u esibiti mill-Bank Nazzjonali Kroat.

Filwaqt li jinsabu għaddejnin id-diskussjonijiet dwar l-introduzzjoni possibbli ta’ euro diġitali, iċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-20 anniversarju tal-euro jikkoinċidu ma’ żieda fl-għadd ta’ Stati Membri tal-UE li qed jużaw l-euro bħala l-munita tagħhom, peress li l-Kroazja hija mistennija li tingħaqad maż-żona tal-euro fl-1 ta’ Jannar 2023.

Il-proġett jistieden lil dawk preżenti għall-wirja biex isegwu l-vjaġġ mill-kunċett inizjali sal-introduzzjoni tal-muniti u l-karti tal-flus tal-euro, u jisfida lill-udjenza biex tirrifletti u tifhem aktar bis-sħiħ il-kobor tas-sinifikat ta’ munita waħda. Isservi kemm bħala rappreżentazzjoni tal-paċi kif ukoll bħala l-aktar eżempju tanġibbli tal-integrazzjoni Ewropea.

Il-wirja qed tittella’ fil-KESE **mill-5 sal-31 ta’ Ottubru 2022**. (ck)

Editur

Ewa Haczyk-Plumley (editor-in-chief)
Daniela Marangoni (dm)

Il-kontributuri għal din l-edizzjoni huma

Amalia Tsoumani (at)
Daniela Marangoni (dm)
Ewa Haczyk-Plumley (ehp)
Giorgia Battiato (gb)
Jasmin Kloetzing (jk)
Katerina Serifi (ks)
Katharina Radler (kr)
Laura Lui (ll)
Luke Carroll (lc)
Marco Pezzani (mp)
Margarida Reis (mr)
Pablo Ribera Paya (prp)
Thomas Kersten (tk)

Koordinazzjoni globali

Agata Berdys (ab)
Giorgia Battiato (gb)

Technical support
Bernhard Knobloch (bk)
Joris Vanderlinden (jv)

Indirizz

Kumitat Ekonomiku u Soġjali Ewropew
Bini Jacques Delors, 99 Rue Belliard, B-1040
Brussell, il-Belġju
Tel. (+32 2) 546.93.96 jew 546.95.86
Indirizz elettroniku: eescinfo@eesc.europa.eu

KESE info huwa ppubblikat disa' darbiet fis-sena matul is-sessjonijiet plenarji tal-KESE. KESE info huwa disponibbli fi 23 lingwa. Il-KESE Info ma tistax titqies b'ala r-rapport uffiċjali tal-Idmiet tal-KESE; g'al dawn, jekk jogħġbok irreferi g'all-ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew g'al pubblikazzjonijiet oġrajn tal-Kumitat. Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk il-KESE Info jissemma b'ala s-sors u tintbagħat link lill-editur.

11/2022